**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 713/2021*

Illum, 25 ta' Lulju, 2022

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**-vs-**
**Anna Cutajar detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 589661M,**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Anna Cutajar** u ċioe talli: [1]

> F'dawn il-Gżejjer, fis-seba' (07) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
>
> > 1. Illi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu minn ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq ieħor jew ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ bi ħsara ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) a detriment ta' **Ġużeppa sive Josephine Borg**, u/jew **Gaetano Desira** u jew **Miriam Zahra**;

[1] Fol.22-26

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamlet qligħ ieħor b'qerq, bi ħsara ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) a detriment ta' **Ġużeppa sive Josephine Borg**, u/jew **Gaetano Desira** u/ jew **Miriam Zahra**;

3. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, approprijat ruħha, billi dawret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000) liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, għad-detriment ta' **Ġużeppa sive Josephine Borg**, u/jew **Gaetano Desira** u /jew **Miriam Zahra**;

4. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamlet atti ta *money laundering* billi:

i. Ikkonvertiet jew ittrasferixxiet proprjetà meta kienet taf jew tissuspetta li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

ii. Ħbiet jew wriet ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provvenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta kienet taf jew tissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

iii. Akkwistat, kellha fil-pussess tagħha, jew użat proprjetà meta kienet taf jew tissuspetta li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

iv. Irriteniet mingħajr skuża raġonevoli proprjetà meta kienet taf jew tissuspetta li l-istess proprjetà inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

v. Ittantat tagħmel xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) hawn fuq imsemmija, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

vi. Aġixxiet bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq imsemmija.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna 'Ordni ta' Qbid u Iffriżar' u tissekwestra u/jew iżżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputata jew huma propjetà tagħha, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi, twiegħed, tipoteka jew tbiddel jew tiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnha *ai termini* tal-Artikolu 5 tal-Att Kontra *Money Laundering*, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità, Kap. 621 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija jew ħtijiet, barra milli tinfliġġi l-pieni stabbiliti fil-Liġi u b'żieda mal-imsemmija piena, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esibiti, tal-corpus delicti u l-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, kif ukoll tordna il-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-propjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat kif ukoll tal-proprjetà kollha tal-imputat fit-termini tal-artikolu 3(5) tal-Kap. 373 kif ukoll artikoli 23 u 23B tal-Kodiċi Kriminali u l-Att dwar ir-Rikavat Kriminali, Kap. 621 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet il-provi tal-prosekuzzjoni

Rat ir-rikors konġunt preżentat nhar it-22 ta' Lulju, 2022, mill-Avukat Ġenerali u l-imputata permezz ta' liema, filwaqt li iddikjaraw li qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali, talbu lil din il-Qorti biex fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti tal-imputata għall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tagħha - fejn it-tieni imputazzjoni qegħda titqies bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni - *il-piena* li għandha tiġi inflitta fuqha minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta'priġunerija effettiva għall-perjodu ta' erba' (4) snin kif ukoll il-ħlas ta' multa ta' sebgħin elf ewro (€70,000), u dan oltre` kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija, ai termini tal-Kapitolu 9, tal-Kapitolu 373 u tal-Kapitolu 621 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tal-lum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tlieta (3) w erba' (4) miġjuba fil-konfront tagħha.
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w ċioe, wara li l-imputata wieġbet li hi ħatja għall-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tlieta (3) w erba' (4), din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħatat żmien xieraq sabiex jekk

trid terġa lura minnha. Wara li l-imputata baqgħet itenni l-ammissjoni tagħha, din l-ammissjoni ġiet reġistrata.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha w għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħha, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tlieta (3) w erba' (4) miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

Illi inkwantu għall-piena din il-Qorti tirrileva li din is-sentenza qegħda tingħata wara li saret talba mill-partijiet permezz ta' rikors konġuntiv mill-Avukat Ġenerali u l-imputata a tenur ta' l-artikolu 392A(5)(6)(7) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi wara li rat il-fedina penali netta tal-imputata, u wara li rat in-natura serja tar-reati li tagħhom l-imputata qed tinstab ħatja, din il-Qorti hi sodisfatta li s-sanzjoni mitluba mill-partijiet hija tali li jkun leġittimu illi din tiġi hekk imposta u dan ai termini tal-Artikolu 392A(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Għal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 3 tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 15A, 17, 18, 31, 293, 308. 309 u 310 (1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u tikkundannaha għal **erba' (4) snin priġunerija u multa ta' sebgħin elf ewro (€70,000).**

Tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà` mobbli w immobbli <u>kollha</u> ta' l-imputata, kif stipulat fl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal- tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qegħda tordna lill-ħatja tħallas l-ammont ta' **€2,219.21c** rappreżentanti spejjez peritali.

Finalment tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lil Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[2] Vide **Il-Pulizija vs Doris (Maria Dolores) Borg**, Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., Deċiża 26 ta' Novembru 2021 Appell Nru: 178/2018. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Brian Buttigieg et**; Per Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja, Deċiża 25 ta' Frar, 2020; Appell Nru. 276 tal-2017.